KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Settembru 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmien Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-**Tmien (08)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2012 fl-4.00pm.**

It-Tmien laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
6. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
7. Responsabilta fl-Immaniggjar tal-Fosos
8. Informazzjoni fuq Monumenti tal-Mall
9. Purcissjoni ta` Hadd il-Palm
10. Vjal ir-re Dwardu (Il-Biskuttin)
11. Kumitati u Sotto Kumitati
12. Toilets fil-Floriana
13. Arblu fi Pjazza St Anna
14. Progett Housing Estate
15. Genna ta' Gonna…u hafna aktar!
16. Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejliet L-Ewwel tas-Sena
17. Post Mortem – Floriana Fest
18. Skema First Time Buyers
19. Hwejjeg Ohra
20. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tmien (08) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Anthony Brincat u l-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S Flores assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Avukat Mark Mizzi fejn talab lill-Kunsill sabiex joffrilu ufficjal tal-Pulizija dakinhar tal-Open Day. Il-Kunsill ma laqax it-talba ghax ma jarax ghalfejn ghandu jkun hemm pulizija prezenti.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-korrispondenza precedenti fejn gie mitlub ukoll li l-Kunsill jipprovdi entratura wahda ghal matul l-open day. Il-Kunsill qabel li ghandu jiftah biss is-side gate.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-korrispondenza precedenti fejn is-Sur Mizzi talab ukoll li l-Kunsill joffrilu xi siggijiet li sabiex jintuzaw fl-attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformah li l-Kunsill m'ghandux siggijiet tieghu izda jikrihom.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghat-tiswija tan-net tal-picc u ppropona li l-Kunsill jitlob kopja tal-ircevuta lis-Sur Justin Haber sabiex jigi ddeterminat min kien ghamel il-pagament. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-impjegata Fiona Said fejn ressqet talba ghal-estenzjoni tal-kuntratt tat-teleworking . Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' maghha sabiex jiddikuti iktar fid-dettall din il-materja

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn informaw lill-Kunsill li ma kienux gew informati b'xi tibdil fil-post tal-quddies tal-Hadd li ghadda. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li hi kienet irceviet telefonata minghand Lawrence Borg li cemplilha biex itiha hasla rigward il-fatt li l-programm inbidel. Hi qalet li qatt ma kienet giet informata li ghandhom jigu nformati l-Floriana Nursery u lanqas giet ikkonsultata sabiex tbiddel il-post ta' din il-quddiesa.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-vaccina tal-influwenza li tinghata ta' kull sena u saqsa lis-Sindku jekk din kinietx ser tinghata fid-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jivverifika mac-centru tas-sahha. Il-Kunsill qabel ukoll li wara li jkun ivverifika, johrog cirkolari sabiex jinkoraggixxi lir-residenti specjalment dawk anzjani, biex imorru jiehdu l-vaccina tal-influwenza.

## 5.0 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **69-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal certu xogholijiet li ma kienux gew formalment approvati u talab li kull kunsillier ghandu jkun avzat b'pagamenti li jkunu se jsiru minn qabel ma dawn jitressqu fuq l-iskeda. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu johodha drawwa li japprova kull pagament, inkluz dawk il-pagamenti t'ordnijiet li jsiru b'mod annwali u ghalhekk kienu ndraw u saru ta' rutina.

5.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10862 sa 1087, bir-rizultat:

Favur: 5 (MP, VB, NH, DSH, AB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

5.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ghal manutenzjoni ta' bankijiet tal-Gnien KGV, total ta' €35 kull bank. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni minghand Vical Interiors ghal materjal tas-suffit, total ta' €165. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni minghand Alfred Zammit ghal tkahhil ta' bankini, total ta' €490. Il-Kunsill approva.

5.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni minghand Klikk Ltd. Li jinkludi bdil ta' sistema tan-network gewwa l-ufficini, installazzjoni fil-kamra tal-kunsilliera, u fil-klassi tal-computers, kif ukoll access ghall-wi-fi f'kull parti tad-Dar tal-Kunsill, inkluz is-swali tas-sular ta fuq. Is-Segretarju spjega li dan ix-xoghol ser jinqasam fuq 2 fazijiet, total ta' €1800. Il-Kunsill approva kif ukoll qabel kif ukoll li jkun hemm access ghal-intenet minn quddiem id-dar tal-Kunsill.

## 6.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

6.1 Minhabba li ma kienx hemm mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, il-Kunsill qabel li ghandu jghaddi ghall-materja li jmiss.

## 7.0 Responsabbilta' fl-Immaniggjar tal-Fosos

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex tidhol fis-sehh bye-law li tikkontrolla l-immanigjar tal-Fosos.

7.2 Is-Sindku zied jghid li ghalkemm il-Kunsill kien segwa l-proposti tad-Dipartiment u ghamel it-tibdiliet mitluba, jidher li l-applikazzjoni ghall-bye law kienet baqghet pendenti u ghalhekk kompla billi esprima x-xewqa li l-Kunsill jerga jirriattiva l-applikazzjoni.

7.3 Is-Sindku kompla billi qal li din il-bye law kienet t'importanza assoluta minhabba li ma kienx logiku li l-hlas ghal kull attivita' tkun biss ta' €11.65 meta l-Fosos jesa eluf ta' persuni u fuqhom jittellghu attivitajiet eccezzjonali.

7.4 Is-Sindku qal ukoll li meta kienet tressqet l-applikazzjoni ghall-bye law, kien hemm

argument li l-Fosos kien wiehed minn dawk il-postijiet li jaqghu taht il-Gvern Centrali dan minkejja li l-Kunsill jitqies l-entita' responsabbli mit-tindif, hrug ta' permessi u manutenzjoni ta' bankijiet u ghamara ohra li hemm f'din iz-zona. Dan gie ribattut minhabba li mhuwiex fl-imnizzel fl-iskeda 4 tal-ligi tal-Kunsilli Lokali.

7.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill japplika ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex il-Kunsill ikun jista' jirranga l-Fosos izda l-Kunsill ma qabilx li dan ghandu jsir ladarba kien ghad hemm il-kwistjoni tar-responsabbilta' tal-Fosos.

7.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jiftah il-kaz u jerga' japplika ghall-bye law dan minhabba li jhoss li ghandu dritt ghall-immanigjar tal-Fosos ladarba qed jiehu hsieb l-ispejjez ta' grouting, tindif u kwalunkwe haga ohra relatata ma' din iz-zona.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kien ezamina l-legal notice 441.04, jirrizulta li l-Kunsill ghandu d-dritt li waqt l-attivitajiet, jitlob tariffa ghall-armar madwar il-fosos, bhal ezempju tal-palk li jintrama fi Triq San Publju, u sahansitra anke l-makkinarju li bih jarmaw u jzarmaw. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda jadotta dawn it-tariffi ladarba qeghdin stipulati fil-ligi.

## 8.0 Informazzjoni fuq Monumenti tal-Mall

8.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-monumenti li hemm fi Gnien il-Mall u ppropona li l-Kunsill jaghmel plakek quddiem kull monument bl-isem ta' kull personagg u s-sehem tieghu fl-istorja, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz.

8.2 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet sabiex isiru dawn il-plakek.

## 9.0 Purcissjoni ta` Hadd il-Palm

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-purcissjonijiet li jsiru f'lokalitajiet ohra fi zmien il-Ghid. Huwa kompla billi esprima x-xewqa li l-Kunsill jorganizza purcissjoni ta' Hadd il-Palm li timxi fit-toroq.

9.2 Huwa kompla billi ppropona li din tkun awto finanzjata mill-isponsors u ghalhekk il-Kunsill ma tigix tiswih hafna flus.

9.3 Il-Kunsill qabel fil-principju u ghalhekk qabel li ghandu jikseb iktar ideat u johloq kumitat zghir li jiehu hsieb itella' din l-attivita'.

## 10.0 Vjal ir-re Dwardu (Il-Biskuttin)

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma Vjal ir-Re Dwardu VII u zied jghid kemm zdiedet il-frekwenza tat-turisti li jzuru pajjizna f'din iz-zona.

10.2 Is-Sindku zied jghid li minhabba f'hekk hemm bzonn li dan il-gnien jitranga u ssirlu manutenzjoni kif ukoll xi xoghol ta' tisbih minhabba li kien qed jigi abbandunat.

10.3 Huwa zied jghid ukoll li kien ircieva rapporti li d-dwal kollha tal-gnien kienu jinsabu mitfijin u ghalhekk kien hemm bzonn li l-Kunsill jirraporta dawn il-hsarat sabiex jigu rrangati.

10.4 Is-Sindku kompla billi esprima d-dizappunt tieghu lejn Transport Malta u sostna kif jinsab frustrat li ghalkemm dan il-gnien jintuza tant minnhom, hadd ma ndenja jaghmel xejn sabiex isebbah ftit il-post u x-xoghol kollu li sar, kien sar ghalihom u biex jakkomoda lilhom.

10.5 Is-Sindku temm billi qal li kien talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda biex il-Kunsill ikun jaf bis-sitwazzjoni dizastruza li jinsab fiha dan il-gnien.

10.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob l-ghajnuna ta' xi entita' governattiva sabiex dan il-gnien issirlu l-manutenzjoni u t-tisbih li jixirqulu.

## 11.0 Kumitati u Sotto Kumitati

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghas-sotto kumitati proposti f'din il-legislatura u ppropona li jekk hemm bzonn, l-ismijiet tas-sotto kumitati jinbidlu kif xieraq.

11.2 Is-Sindku nforma wkoll li kien id-dmir ta' kull kunsillier li jkun ic-chairperson ta' xi wiehed mill-kumitati li jaqghu taht il-kariga tieghu. Il-Kunsill qabel li kull kunsillier ghandu jiddeciedi hu jekk ikunx kumitat, jew inkella jahtarx sotto-kumitat tahtu.

11.3 Is-Sindku fakkar ukoll li l-kunsillieri kollha huma membri ex officio ta' kull sotto kumitat u ghalhekk kull kunsillier kellu jigi nformat b'kull laqgha tas-sotto kumitati.

11.4 Il-Vici Sindku ppropona li jinholoq is-sotto kumitat Progetti u Informatika.

11.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jinzamm is-sotto kumitat bl-isem ta' Zghazagh u Sports.

11.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jkun hemm sotto kumitat tal-Anzjani.

11.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jkun hemm sotto kumitat tal-Ambjent u l-Indafa.

11.8 Il-Kunsill approva s-sotto kumitati proposti u qabel ukoll li jkun hemm Kumitat ghall-attivitajiet li jhaddan fih zewg sotto kumitati tac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena kif ukoll is-sotto kumitat tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

11.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill zewg individwi li xtaq li jkunu jaghmlu parti mis-sotto kumitat tieghu u cioe, is-Sur Conrad Cutajar u s-Sur Mark Ciantar. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 12.0 Toilets fil-Floriana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal dak li gie diskuss fl-ahhar laqgha u ppropona li l-latrini tal-Floriana jinghataw lil kuntrattur privat li jiehu hsieb l-ghassa, il-manutenzjoni u l-ftuh u l-gheluq ta’ kull latrina, dan billi jzomm tariffa minima ghall-uzu tal-latrina.

12.2 Huwa zied jghid li permezz ta' dan il-latrini kienu se jkunu mghassa gurnata shiha u kienu ser jinzammu iktar nodfa.

12.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq kontro mozzjoni sabiex jigi mpjegat kuntrattur kif suggerit fil-latrina tal-Bombi biss, izda tigi eskluza l-latrina tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V minhabba li din tintuza mit-tfal u ghalhekk ma jhossx li kien gust li jintalbu jhallsu tariffa biex jaghmlu uzu mil-latrina.

12.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li hi taqbel mal-Vici Sindku Matthew Paris li ghandu l-ewwel isir esperiment fuq il-latrina tal-Bombi u wiehed jara kif jimxi minn hemm. Ziedet tghid ukoll li jekk il-kuntrattur ma jaccettax li jamministra latrina wahda, taqbel li ghandhom jigu amministrati z-zewg latrini.

12.5 Ittiehed vot favur il-kontro mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, DSH, VB, AB)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

12.6 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jkompli bid-diskussjoni sabiex sabiex tigi amministrata l-latrina tal-Bombi biss minn kuntrattur privat.

## 13.0 Arblu fi Pjazza St Anna

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-pjanijiet tal-Kunsill sabiex iwahhal arblu fi Pjazza Sant'Anna.

13.2 Huwa kompla billi ppropona li dan l-arblu jitwahhal fis-centre strip fil-parti ta' quddiem Triq San Tumas.

13.3 Is-Sindku zied jghid ukoll li wara l-laqgha li kellu mas-Sur Ronald Cuschieri mill-ELC, dan kien informah li s-sigar tal-palm ma setax jitnehha u jigi ppjantat f'lok iehor minhabba l-marda tal-palm.

13.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk dan il-pjan hux possibli u qabel li din il-materja tigi diskussa iktar tard.

## 14.0 Progett Housing Estate

14.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jghaddi l-kummenti tieghu.

14.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha tas-sotto kumitat Progetti u Informatika li minnu huwa responsabbli hu.

14.3 Huwa ssuggerixxa wkoll li l-gallariji jsiru kollha tal-injam minflok tal-hadid.

**Nota: 17:40 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

14.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ghandu jsir ukoll gazebo kif ukoll li jigi rrangat ic-cint u jsiru l-hadid u z-zebgha.

14.5 Il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha dwar dan il-progett fejn kulhadd ikun jista' jressaq l-ideat u l-proposti tieghu.

## 15.0 Genna ta' Gonna…u hafna aktar!

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma li z-zmien kien qed igerbeb u ghalhekk kien hemm bzonn li l-Kunsill jibda' jahdem sew fuq din l-attivita' annwali.

15.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku kemm giet tiswa' din l-attivita'.

15.3 Is-Sindku wiegeb li l-attivita' ma kinietx tigi tiswa hafna minhabba li l-entitajiet ma kienux jitolbu flus. Huwa zied jghid li l-uniku spejjez tal-Kunsill kienu l-brochures, posters u

advertisements fuq billboards kif ukoll is-servizz tal-gwardjani lokali u security officers.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li f'din l-edizzjoni tal-attivita', il-Kunsill jinkorpora wkoll il-bahar (il-Waterfront) izda l-Kunsill ma qabilx minhabba li ma kienx hemm access facli ghall-parti tal-bahar.

15.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibda' jikkuntattja l-entitajiet mill-aktar fis possibli bhalma sar fis-snin li ghaddew biex ghal darb'ohra din l-attivita' terga' tkun ta' success.

15.6 Il-Kunsill qabel li kwalunkwe spejjez relatati ma' din l-attivita' ghandhom jigu approvati permezz ta' memo interna.

**Nota: 17:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

## 18.0 Skema First Time Buyers

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-fatt li kull sena, il-popolazzjoni tal-Floriana kienet qed tonqos radikalment dan minhabba li l-maggoranza tal-popolazzjoni kienet wahda anzjana.

18.2 Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill johloq skema fejn kull persuna li tixtri residenza fil-Floriana sabiex taghmila r-residenza ufficjali taghha, tinghata beneficcju sa massimu ta' €500.

18.3 Il-Vici Sindku zied jghid li f'kaz li l-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta, ghandu japplika ghall-bye law fejn l-ammont allokat ma jeccediex dak ta' €5000 fis-sena.

**Nota: 18:00 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.**

18.4 Wara li tressqet mozzjoni mill-Vici Sindku Matthew Paris, favur l-approvazzjoni ta' din l-iskema, issekondat mill-Kunsillier Anthony Brincat, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, AB, NH)
Kontra: 2 (DSH, VB)
Astensjonijiet: 0

## 16.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta` Lejliet L-Ewwel tas-Sena

**Nota: 18:10 Il-Kunsillier Anthony Brincat rega' attenda ghal-laqgha.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

16.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara d-diskussjonijiet li saru mal-Kunsill tal-Belt Valletta, kien gie deciz li kull kunsill jorganizza attivita' f'zewg postijiet fil-lokalita' tieghu izda l-attivita' tigi rreklamata u titqies bhala wahda.

16.2 Huwa zied jghid li l-G7 kienu offrew lill-Kunsill li jhallsu l-ispejjez kollha huma jekk il-Kunsill jaccetta li l-attivita' ssir fuq il-Fosos minflok fi Triq Sant'Anna.

**Nota: 18:14 l-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

16.3 Ghalhekk is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex iqisu dawn l-offerti halli l-Kunsill jiehu decizjoni minhabba li z-zmien kien qed igerbeb.

16.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wiehed hemm bzonn jiddiskuti u jara kif ser iqassam l-esebizzjonijiet b'tali mod li min jattendi jkun jista' jasal minn post ghall-iehor fil-hin sabiex igawdi l-esebizzjonijiet kbar kollha.

16.5 Il-Vici Sindku zied jghid ukoll li jekk il-Kunsill ser jikkunsidra li jabbanduna l-idea ta' Triq Sant'Anna u jorganizza l-attivita' fuq il-Fosos, ser ikun hemm bzonn li tinkera tinda kbira li tipprotegi mir-riskju tal-maltemp.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland fakkar ukoll fl-offerta' tas-Sur Justin Attard fejn offra lill-Kunsill li jhallas l-ispejjez kollha hu jekk il-Kunsill jorganizza l-attivita' fuq il-Fosos u joffrielu l-bars kollha ta' fuq il-Fosos.

16.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li s-Sur Attard kien offra li jhallas kollox hu inkluz l-armar ta' stage, sound, kantanti, ecc.

16.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jilqa' l-offerta' tas-Sur Justin Attard u jigi diskuss mal-Kunsill tal-Belt Valletta jekk jistax jintlahaq ftehim sabiex isir imqar il-promotion bejn iz-zewg kunsilli.

16.9 Il-Kunsilliera Sammut Hili ziedet tipproponi wkoll li l-Kunsill jidhol f'negozjati mas-Sur Attard sabiex isiru tined fuq il-Fosos u jigi ccarat li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jbiddel il-pjanijiet tieghu is-sena d-diehla u li ma jillimitax ruhu li din l-attivita' terga' ssir fuq il-Fosos jew b'mod kongunt mal-Kunsill tal-Belt Valletta.

16.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro mozzjoni li l-attivita' tittella' indipendentament mill-Kunsill Lokali Floriana u ssir fil-post originali, cioe fi Triq Sant'Anna izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

16.11 Wara li tressqet ghall-approvazzjoni l-mozzjoni mressqa f'materja nru 16.9 mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, MP, AB)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

16.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris sostna li l-idea li tigi organizzata celebrazzjoni f'lejliet l-ewwel tas-sena kienet idea sublimi u li hadd ma kellu l-kuragg jaghmel qabel il-Kunsill tal-Floriana u nsista li ma kienx qed inehhi mill-mertu tal-idea originali izda minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ihoss li kien hemm bzonn li l-attivita' ssir b'mod kongunt.

16.13 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jaf tinholoq problema jekk il-Kunsill ser iqis din bhala offerta' tas-Sur Justin Attard ladarba ma tkunx inharget sejha ghall-offerti minhabba li d-decizjoni tal-Kunsill tista' titqies diskriminatorja fil-konfront ta' min seta' jkun interessat. Is-Sur Justin Attard qed jitlob li jaghmel attivita fuq il-fosos, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Floriana.

16.14 Is-Sindku wiegeb li ma jhossx li din ghandha tohloq problema ladarba l-Kunsill ma kien qed idahhal u johrog l-ebda flus.

16.15 Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mal-Avukat tal-Kunsill u filkaz, jitolbu sabiex jidraftja preliminary agreement mas-Sur Justin Attard b'mod imminenti.

## **17.0 Post Mortem – Floriana Fest**

17.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tiftah id-diskussjoni.

17.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss sakemm jigi konkluz breakdown ta' kemm giet tiswa' din l-attivita'.

## 19.0 Ħwejjeg Oħra

**Nota: 18:40 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

19.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti sabiex jigi rrangat is-saqaf tal-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu jitlob garanzija fuq kull sejha kif ukoll li jirriserva d-dritt li jingab espert sabiex jiccertifika x-xoghol.

19.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-ghazla tal-Kunsill l-ghaxar tpingijiet maghzula mill-gurija waqt il-Floriana Fest sabiex jintaghzlu l-ewwel tliet postijiet. Wara li saret evalwazzjoni, Il-Kunsill qabel li r-rebbieh huwa Kieran John Fogerbakke. Il-Partecipant ghandu jigi ikkuntatjat u mgharraf bir-rizultat.

19.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet talba minghand il-Floriana FC biex juzaw il-picc sintetiku darba f'gimgha wara s-7pm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li dan jintuza u qabel li ghandu japprova din it-talba minghand pregudizzju ghat-tliet xhur li gejjin. Is-Sindku Nigel Holland xtaq li jigi rregistrat li hu ma jaqbilx li l-picc sintetiku jinkera qabel it-8.30pm minhabba li dan ikun qed jintuza mit-tfal.

19.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kien hemm talba simili minghand il-Floriana Futsal biex juzaw il-picc sintetiku darba f'gimgha wara s-7pm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li dan jintuza u qabel li ghandu japprova din it-talba minghand pregudizzju ghat-tliet xhur li gejjin. Is-Sindku Nigel Holland xtaq li ghal darbohra jigi rregistrat li hu ma jaqbilx li l-picc sintetiku jinkera qabel it-8.30pm minhabba li dan ikun qed jintuza mit-tfal.

19.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat fil-minuti li qed isib nuqqas ta koperazzjoni mill-Floriana FC fejn jidhol partecipazzjoni f’attivitajiet.

**Nota: 18:51 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

19.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' torganizza coffee morning. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jigi organizzat tournament tal-football b'rizq Puttinu Cares. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.8 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li ghandu jitwahhal ritratt tas-Sitt kunsill magenb dawk tal-kunsilli precedenti. Il-Kunsill approva.

19.9 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien hemm tabella maqlugha fi Triq Sa Maison u ppropona li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex din titranga. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li din it-talba flimkien ma' talbiet ohrajn ghandhom jitressqu fil-laqgha li l-Kunsill ser jitlob ma' Transport Malta.

**Nota: 18:56 Il-Vici Sindku Matthew rega' attenda ghal-laqgha.**

19.10 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm kien kiteb lil min hu responsabbli mill-hofor tal-arbli li hemm hdejn il-monument tal-Indipendenza, jidher li ma kien sar xejn u s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jaghmel rapport lill-Pulizija u jitlob lill-avukat tal-Kunsill sabiex jikteb ittra legali lill-entita' responsabbli.

19.11 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ssir quddiesa f'Novembru ghall-erwieh tal-ex kunsillieri u sindki tal-lokalita' tal-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.12 Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghall-materja precedenti u ppropona li din il-quddiesa ssir fil-Kunvent tal-Kapuccini. Il-Kunsill qabel.

## <u>20.0 Aġġornament tal-laqgħa</u>

20.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 10 t'Ottubru 2012 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-19.10.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |